MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 4/2013

**Appell Nru. 4/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Sandra Zammit)**
**Vs**
**Sean Cassar**

**Illum 13 ta’ Novembru, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat [detentur tal-karta tal-identita` numru 360184 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-11 ta’ Lulju 2012 ghall-habta ta’ 1.30 p.m. fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta :
1. waqt li kien qed isuq vettura numru SJC-457 u kien riesaq lejn “Pedestrian Crossing” naqas li jnaqqas il-velocita` tal-vettura u jieqaf waqt li kienet qed tigi wzata mill-pubbliku;

2. ipparkja vettura numru SJC-457 f'post ipprojbit, cioe` ipparkja l-imsemmija vettura matul 5 metri minn kantuniera fl-istess triq;
3. naqas li jobdi l-ordnijiet legittima moghtija lilu mill-Pulizija, cioe` ta' PC 145 A.J. Abela, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Dicembru, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 338(ee) tal-Kap. 9, 79(g), 89(1) L.S 65.11 fuq nuqqas ta' provi lliberat lill-appellat mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-3 ta' Jannar, 2013, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u tiddikjaraha nulla u bla effett u sussegwentement tiddisponi minnha skond il-ligi u fin-nuqqas u biss fl-eventwalita` li din l-Onorabbli Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tiddikjara s-sentenza nulla u bla effett kif mitlub, thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata, issib lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tinfliggi l-piena idoneja skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

**<u>1. In-Nullita' tas-Sentenza Appellata</u>**

Illi fis-sentenza appellata, wara li tikkwota l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-appellat, l-ewwel Onorabbli Qorti tghid testwalment hekk: :

*"Peress illi jirrizulta mix-xhieda ta' l-imputat illi l-Pulizija li kien qed jaqsam iz-zebra crossing qabad u qasam ghal-gharrieda u peress illi jirrizulta li l-imputat waqaf mal-ewwel, b' mod illi l--Qorti hija konvinta li attwalment il-*

*Pulizija qasam mal-ewwel u hasad lill-imputat li waqaf malli seta':*
*Il-Qorti, ghalhekk fuq nuqqas ta' provi tillibera lill-imputat mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu."*

Illi mill-bran citat jirrizulta' palezi li l-ewwel Qorti kkoncentrat biss fuq l-ewwel akkuza, dik taht ir-Regolament 89(1) tal-L.S. 65.11 u cioe' talli l-appellat, waqt li kien riesaq lejn Pedestrian Crossing, naqas li jnaqqas il-velocita' tal-vettura u jieqaf waqt li din kienet qieghdha tigi wzata mill-pubbliku. Tant hu hekk li l-kunsiderazjonijiet tal-ewwel Qorti jirrigwardaw unikament l-ewwel akkuza, izda mbaghad, a bazi ta' dawk l-istess kunsiderazzjonijiet il-Qorti ghaddiet biex tillibera' anke mill-akkuzi sussegwenti;

Illi nonostante' jidher car li l-ewwel Qorti hasset li l-verzjoni tal-appellat kienet iktar kredibbli minn dik ta' PC 145 (pozizzjoni li l-esponent ma jikkondividix u li ser jaghmel sottomissjonijiet fuqha iktar 'il quddiem), xorta wahda ma setghet qatt tillibera' lill-imputat mill-bqiia tal-akkuzi dedotti kontrieh li huma totalment separati u distinti mill-ewwel akkuza, ghalkemm naxxenti mill-istess incident;

Illi l-Artikolu 413(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipola li:

*"Meta l-imputat jew il-kwerelat jigi illiberat ghal xi wahda mir-ragunhjiet imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) (iv), (v) u (vi), il-Qorti fis-sentenza ghandha ssemmi bic-car din ir-raguni; fin-nuqqas ta' dan, is-sentenza tkun nulla, u din in-nullità tkun taghti jedd ta' appell lill-Avukat Generali, u, fil-kazljiet imsemmijin fl-artikolu 373, lill-kwerelant";*

Illi tant l-ewwel Qorti ma kelliex raguni ghalxiex tillibera' mit-tieni u t-tielet akkuzi li fis-sentenza erogata fil-fatt ma tat l-ebda raguni ghalxiex kienet qieghdha tillibera' minn dawn l-akkuzi wkoll u ghalhekk is-sentenza li nghatat ijja manifestament nulla.

**<u>2. Kellha tinstab htija fil-konfront tal-ewwel akkuza</u>**

Illi f’ dan ir-rigward ir-Regolament 63 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta jaghti jedd ta’ appell lill-esponent Avukat Generali f’ kull kaz, anke fejn il-Qorti tillibera’ fuq nuqqas ta’ provi, kif jidher li gara’ fil-kaz odjern;

Illi indipendentement mill-ewwel aggravju li jincidi strettament fuq il-validita’ o meno tas-sentenza appellata u strettament in linea sussidiarla, l-esponent appellant umilment qieghed iqajjem aggravju anke fir-rigward tal-ewwel akkuza minhabba li l-ewwel Qorti, bil-provi li kellha quddiemha ma setghetx lanqas tillibera’ lill-appellat mill-ewwel akkuza;

Illi l-ewwelnett, il-Kuntistabbli 145 jaghmilha carissima fl-Affidavit tieghu li huwa ma qabadx u qasam minn fuq il-Pedestrian Crossing kif gieb u lahaq tant li jghid,
*“...qabel qsamt hadt il-prekawzjonijiet kollha u meta rajt li kont safe biex naqsam, qsamt”;*

Illi t-triq in kwistjoni hija wahda maghrufa ghall-kummerc u hemm diversi hwienet, ristoranti u cafés mat-tul taghha kollu, mhux inqas zewg Banek u hemm ukoll diversi postijiet minn fejn in-nies jaqsmu t-triq bir-rigel. Huwa fatt maghruf ukoll li minn hemmhekk jghaddu hafna karozzi;

Illi l-ewwelnett ghalhekk jaghmel sens li PC 145 kien prudenti u qaghad attent meta gie biex jaqsam, kif del resto xehed hu stess fl-Affidavit tieghu. Izda wkoll l-appellat mill-banda l-ohra jidher car li ma kienx qieghed izomm il-proper lookout li suppost kien qieghed izomm, nonostante’ dik it-triq, kif diga’ ntqal ijja wahda fejn il-hin kollu ghandek pedestrians li qed jaqsmu. Tant hu hekk, li l-appellat l-ewwel kliem li lissen meta kkonfrontat minn PC 145 kien *“Allura ma nistax ma narakx jien?”,* kwazi bhal donnu qed jiskuza ruhu;

Illi anke li kieku huwa minnhu li PC 145 qasam it-Triq b’ tali mod li hasad lill-appellat, kif kienet l-opinjoni tal-ewwel Qorti, xorta dan ma kienx jaghti l-jedd lill-appellat li jibqa’ jsuq u jibqa’ ghaddej ! Dan iktar u iktar meta kien wasal hdejn Zebra Crossing u ghalhekk suppost kien iktar attent

u prudenti u lest li jieqaf fil-pront! Bir-rispett jinghad li l-ewwel Qorti bil-kliem taghha bhal donnu qieghdha taghti l-jedd u r-ragun lil kwalunkwe' sewwieq li jibqa' ghaddej qisu xejn mhu xejn meta persuna jaqsamlu t-triq ghall-gharrieda, indipendentment mill-fatt li dik il-persuna tkun qieghdha taqsam minn fuq Zebra Crossing!

Illi terga' u tghid, hemm korroborazzjoni minn Kuntistabbli tal-Pulizija iehor, PC 917 J. Camlleri. Dan jikkonferma l-akkadut sa' dak li ra' b' ghajnejh dan ix-xhud minhabba li huwa ma setax jisma' x kien qieghed jintqal izda l-Affidavit tieghu jikkorrobora l-verzjoni ta' PC 145 iktar milli dik tal-appellat. PC 917 fil-fatt jahlef li huwa ra' lill-kollega tieghu jaghmel sinjal lis-sewwieq biex jieqaf u ra' lis-sewwieq fil-fatt jieqaf u mbaghad rega' ra' lis-sewwieq isuq mill-gdid;

Illi ma kienx jaghmel sens li PC 145 jaghmel sinjal lill-appellat biex jieqaf li kieku dan ma kien ghamel xejn haziri u PC 917 fil-fatt ra' b' ghajnejh lil PC 145 jaghmel dak is-sinjal. Mhux talli hekk, izda talli l-istess persuna ra' ukoll lill-appellat jerga' jsuq u anke jipparkja f' kantuniera ma' Triq Salvu Dimech;

Illi fl-umli fehma tal-esponent ghalhekk, l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda raguni valida ghalfejn tiskarta kompletament il-verzjoni tal-akkadut li fornew zewg Kuntistabbli tal-Pulizija u minflok temmen il-verzjoni tal-appellat u ghaldaqstant kellha tinstab htija anke fil-konfront tal-ewwel akkuza.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fil-11 ta' Lulju, 2012 ghal habta tas-1:30 ta' wara nofs inhar il-kuntistabbli PC 145 Alan Abela Camilleri kien qieghed jaqsam minn fuq iz-zebra crossing fi Triq il-Kostituzzjoni fil-Mosta meta fl-istess hin, giet karozza ta' l-ghamla Hyundai Accent bin-numru tar-registrazzjoni SJC 457 illi skont l-istess kuntistabli naqset li tnaqqas l-ispeed u tieqaf, ghalhekk PC 145 ghamel sinjal lix-xufier biex jieqaf u jipparkja fil-genb kif fil-fatt ghamel. Il-kuntistabli ordna lill-appellat sabiex inehhi l-

vettura tieghu minn fejn kien poggiha minhabba li kienet f'kantuniera izda l-appellat ma obdiex u rrisponda li ma kienx behsiebu jnehhiha minn hemm izda minflok mar jaghmel rapport l-ghassa tal-Mosta kontra l-istess PC 145. L-Ewwel Qorti b'Sentenza moghtija fil-11 ta' Dicembru, 2012 illiberat lill-appellat mill-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u argumentat illi kien l-istess pulizija illi qasam iz-zebra crossing ghal gharrieda u hasad lill-appellat. Kompliet tghid illi f'nuqqas ta' provi tillibera lill-imputat mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

L-Avukat Generali hassu agravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell u l-ewwel aggravju tieghu hija dwar in-nullita tas-Sentenza peress illi l-Magistrat kiteb ir-ragunijiet ghaliex kellu jillibera fuq l-ewwel akkuza izda ma qal xejn fuq l-ohrajn. Argumenta illi l-Ewwel Qorti ma setghetx qatt tillibera lill-imputat mill-bqija ta' l-akkuzi dedotti kontra tieghu li huma totalment separati u distinti mill-ewwel akkuza, ghalkemm naxxenti mill-istess incident, u peress li ma tat l-ebda raguni ghaliex kienet qed tillibera minn dawn l-akkuzi s-Sentenza li nghatat hija manifestament nulla.

Ikkunsidrat.

Minn ezami akkurat tas-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati din il-Qorti ssib illi l-Ewwel Qorti ghamlet l-apprezzament taghha 'l ghala kellha tillibera lill-appellat mill-ewwel akkuza, izda fil-paragrafu sussegwenti wkoll illiberat lill-appellat mill-akkuzi l-ohra dedotti kontra tieghu minhabba nuqqas ta' provi. Quindi l-Ewwel Qorti tat raguni 'l ghala kellha tillibera peress illi l-kawza saret b'citazzjoni bi procedura sommarja allura dina kienet tkun bizzejjed biex tissodisfa l-vot tal-Ligi u jekk l-Ewwel Qorti dehrilha illi ma kienx hemm provi bizzejjed biex jissodisfa l-addebitu fit-tieni u fit-tielet akkuzi allura ma kellix triq ohra hlief tillibera. Pero' ghal dik illi hija formalita s-Sentenza hija valida u ma hemm xejn null fiha, ghalhekk il-Qorti qieghda tichad l-ewwel agravju ta' l-Avukat Generali.

Ghal dak li jirrigwardja l-meritu l-Avukat Generali deherlu li l-Ewwel Qorti kellha tistrih fuq l-affidavit ta' PC 145 u

mhux fuq il-verzjoni illi ta l-appellat. Din il-Qorti kellha okkazjoni li tisma wkoll lill-appellat fejn dana xehed illi kien qieghed isuq it-triq u waqt li kien qieghed javvicina zebra crossing waqfu pulizija u qallu li ser iharku. Cassar qallu *“Ta’ xiex”* pero’ l-pulizija ma rrispondiehx u mar l-ghassa jirraporta, gie l-Ispettur fuqu u qallu, *“Issa ghandek kaz u appella”*. L-appellat jghid li kien qed isuq normali wara karozzi ohrajn u kien attent ghan-nies, il-pulizija qabad u qasam u hasdu, dak il-hin Constitution Street il-Mosta kienet mimlija nies u karozzi u hu kien sempliciment qed isegwi s-serbut ta’ karozzi quddiemu. Kien il-pulizija illi qallu biex jidhol fil-genb u jwaqqaf fil-kantuniera u l-appellat obda din l-ordni u hekk ghamel u minn fuq issa qed isib ruhu akkuzat talli pogga l-karozza f’distanzi mhux regolari f’kantuniera. Quindi f’sitwazzjoni bhal din l-Ewwel Qorti kellha quddiema l-verzjoni ta’ PC 145 permezz ta’ l-affidavit u x-xhieda ta’ l-appelat Sean Cassar u kif kien fid-diskrezzjoni taghha ghazlet li temmen lill-appellat. L-Ewwel Qorti segwiet it-taghlim ta’ kawza Il-Pulizija vs Joseph Thorne deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fid-9 ta’ Lulju, 2003 fejn dina qalet *“ .....mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f’kaz ta’ konflitt ta’ provi, trid tevalwa l-provi skont il-kriterji annuncjati fl-Artiklu 637 tal-Kap9 u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u fiex ser temmnu jew ma temmnux”* (ara wkoll Ir-Republika ta’ Malta vs Dennis Pandolfino et,19 ta’ Ottubru, 2006). Din il-Qorti ma tara xejn hazin illi l-Ewwel Qorti wzat id-diskrezzjoni taghha u emmnet lill-appellat flok lil pulizija. Aktar u aktar meta l-grad li kellu jilhaq l-appellat kien dak tal-probabilita, mentri l-prosekkuzjoni kellha tilhaq dak ta’ minghajr dubju dettat mir-raguni. La l-Ewwel Qorti dehrilha illi l-verzjoni moghtija mill-appellat kienet probabilment vera, allura kellha kull dritt illi toqghod fuq dik il-verzjoni u tohrog bid-decizjoni kif harget. Ghalhekk din il-Qorti wara li ezaminat il-provi u l-Atti tal-kawza jidhrilha li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setght liberament u legalmet tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi tiddisturba dik id-diskrezzjoni.

Ghal dawn il-mottvi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------